# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' April 2024**

**Kawża Numru: 7**
**Rikors Guramentat Numru:- 147/2019 JVC**

**Gaetano Cauchi (ID 862246M), Carmelo sive. Charles Cauchi (ID 809747M), Anthony Cauchi (ID 453353M) u Mary Rose Dimech (ID 379660M)**

**vs**

**Disma Cauchi (ID 509252M), Julie Mercieca (ID 85283M), u Ramon Cauchi (ID 29179M), Sharon Mizzi (ID 457573M), Stephanie Cauchi (ID 258886M), ulied il-mejjet Michael Cauchi l-istess Stephanie Cauchi kif rapprezentata minn Ramon Cauchi b'digriet tal-Guardianship Board tas-17 ta' Mejju 2019 hekk kif ordnat**

**b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Lulju 2019**

**u**

**Dr Graziella Tanti u l-PL Marie Claire Bonello li b'digriet tal-21 ta' Marzu 2019 gew mahtura Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti Nicholas Cauchi, Karina Stojan Georgievski u Jamie Faure, wlied il-mejjet Joseph Cauchi u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2019 il-kuraturi deputati gew estromessi mill-kawza u minflokhom gie mahtur Disma Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

1. 'Illi fit-8 ta' Frar 1999 f'Hal Tarxien, miet missier il-kontendenti Emanuel Cauchi u l-wirt tieghu huwa regolat u b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar George Cassar tat-30 ta' Mejju 1989 fejn huwa;

a. Halla l-uzufrutt generali tal-gid tieghu lil martu Antonia Cauchi;

b. Innomina bhala werrieta universali tieghu lit-tmien uliedu Gaetano, Carmelo sive Charles, Joseph, Michael, Disma, Anthony, Mary Rose mart Alfred Dimech u Julie mart Edward Mercieca f'sehem indaqs bejniethom;

2. Illi fl-14 ta' Lulju, 2018 mietet omm il-kontendenti, Antonia Cauchi u li l-wirt taghha huwa regolat b' testment fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sciberras Trigona tat-28 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu, wara li hassret kull testment li kienet ghamlet qabel dakinhar.

A) Halliet permezz ta' *legato di cosa altrui* l-porzjoni ta' hamsa minn sittax (5/16) il-parti indiviza mid-dar numru 21 Lanzon street, Tarxien lit-tlett uliedha Disma, Michael u Julie. Hija halliet ukoll is-sehem taghha ta' nofs (1/2) indiviz tal-istess fond numru 21 fi tlett kwoti indaqs bejn uliedha Disma, Michael u Julie.

B) Hija ordnat lil dawn it-tlett legatarji sabiex ibieghu din id-dar fi zmien hames snin minn mewtha u dan sabiex mill-prezz tithallas il-legittima lill-uliedha l-ohra u igifieri r-rikorrenti Gaetano, Anthony u Carmelo sive Charles u Mary Rose Dimech flimkien ma huhom Joseph, illum mejjet.

C) Halliet ukoll grandfather clock kif ukoll kull oggett ta' deheb, metall jew hagar prezzjuz b'titolu ta' legat lil bintha Julie.

D) Nominat bhala eredi universali taghha lil uliedha intimati Disma, Michael u Julie.

E) Hija iddisponiet ukoll illi r-rikorrenti jkollhom id-dritt ghal-legittima.

3. Illi l-esponenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar huma rrinunzjaw ghal wirt ta' ommhom salv id-dritt tal-

porzjoni rizervata lilhom spettanti skond il-ligi u mhux skond l-imsemmi testment.

4. Illi ghalhekk l-imsemmi *legato di cosa altrui* u l-kondizzjonijiet dwar il-porzjoni rizervata stipulata fit-testment ta' Antonia Cauchi m'humiex vinkolati fil-konfront tal-esponenti.

4.1 Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Alexia Sceberras Trigona tat-12 ta' Jannar 2019 sar kuntratt ta' imissjoni fil-pussess bejn l-intimati li permezz tieghu huma ddikjaraw ukoll illi l-legatarji li gew hekk immessi fil-pussess huma s-sidien assoluti tal-fond 21 Triq Lanzon Tarxien. Illi effettivament missier l-esponenti, Emanuel Cauchi li miet fit-8 ta' Frar 1999 kellu sehem ta' nofs indiviz f'din il-proprjeta' u ghalhekk l-esponenti bhala eredi tieghu ghandhom sehem indiviz ta' 1/16 kull wiehed fl-istess proprjeta' u ghalhekk tali kuntratt ma jistghax ikun vinkolanti fil-konfront tal-esponenti f'dak li jirrigwarda s-sehem taghhom li wirtu minghand missierhom.

5. Illi l-wirt tal-genituri tar-rikorrenti ghadu ma nqasamx u ma giex diviz.

6. Illi l-intimati debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 2018 sabiex ihallsu l-porzjoni lilhom rizervata skond il-ligi baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. tistabilixxi l-konsistenza tal-assi tal-eredita' ta' Emanuel Cauchi; u

ii. fir-rigward tal-assi ta' Emanuel Cauchi, tordna illi f'dak li jirrigwarda mobbli, li dawn jigu divizi fi tmin porzjonijiet u porzjoni tigi assenjata lil kull wiehed u wahda mill-partijiet mentri dak li jirrigwarda l-immobbli, li kull parti jkollha sehem ta' 1/8 indiviz minn tali proprjeta' taht dawk id-dispozizzjonijiet u modalitajiet li l-Qorti jidhrilha xieraq sabiex jinghata rimedju effettiv biex kull wiehed mil-eredi ta' Emanuel Cauchi jircievi sehmu mil-wirt tieghu;

iii. tistabilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Antonia Cauchi kif ukoll dawk l-assi kollha li skond il-ligi jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-porzjoni riservata spettanti lill-esponenti, komprizi wkoll il-beni kollha, mobiljari u immobiljari li gew moghtija b'mod dirett jew b'mod indirett mill-istess Antonia Cauchi lill-intimati;

iv. tillikwida l-valur tal-istess assi stabbiliti skond it-tielet talba u tiffissa l-porzjoni rizervata lill-esponenti skond il-ligi mill-gid ta' Antonia Cauchi;

v. tikkundanna lill-intimati Disma Cauchi, Julie Mercieca, u Ramon Cauchi, Sharon Mizzi u Stephanie Cauchi sabiex solidarjament ihallsu lir-rikorrenti l-porzjoni rizervata hekk stabbilita flimkien mal-interessi fuq l-istess porzjon rizervata mid-19 ta' Novembru 2018 sad-data ta' pagament effettiv.

vi. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Alexia Sceberras Trigona tat-12 ta' Jannar 2019 fuq imsemmi ma jiswiex u mhux vinkolanti fil-konfront tal-

atturi f'dak li jirrigwarda s-sehem ta' 1/16 indiviz appartenenti lil kull wiehed mir-rikorrenti u f'dan s-sens tiddikjara wkoll illi m'hijiex korretta d-dikjarazzjoni hemm imsemmija li l-legatarji hemm imsemmija fl-imsemmi kuntratt huma s-sidien assoluti tal-fond 21 Triq Lanzon Tarxien.

vii. Fl-eventwalita' li dan ikun neccessarju, tahtar Nutar sabiex jippublika l-att opportun, tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att u tahtar kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 2018 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar it-28 ta' Marzu, 2019 fejn permezz tieghu in vista li saru jafu li fit-12 ta' Jannar, 2019 sar kuntratt ta' immissjoni fil-pussess fl-atti tan-Nutar Dr Alessia Sceberras Trigona ta' parti mill-proprjeta' li fiha huma ghandhom sehem indiviz bhala eredi ta' missierhom stante li skonthom tali kuntratt m'huwiex validu safejn jaffettwa s-sehem taghhom talbu li jinghataw awtorizzazzjoni sabiex isiru korrezzjonijiet fir-rikors guramentat promotur billi jzidu premessa u talba, rat ir-risposta tal-intimati Disma Cauchi et intavolata nhar l-14 ta' Mejju, 2019 u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 3 ta' Gunju, 2019 a fol. 117 et seq tal-process fejn laqghet it-talba u awtorizzat l-korrezzjonijiet fir-rikors guramentat kif mitlub;

Rat ir-risposta guramentata ta' Disma Cauchi et li taqra kif isegwi:

1. 'ILLI, fl-ewwel lok, jigi rrilevat li l-intimata Stephanie Cauchi [KI 258886 (M)] m'hijiex kapaci li tirrispondi ghall-pretensjonijiet vantati fil-konfront taghha fil-procedimenti gudizzjarji odjerni, u dan in vista tal-fatt li, kif jafu tajjeb l-atturi, hi tbati minn kundizzjoni medika li tipprekludiha milli tiehu hsieb hwejjigha, kif ukoll milli tezercita u milli tamministra l-jeddijiet relattivi ghall-istess procedimenti, u dan a tenur tal-Artikolu 781(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta **('Dok.DC1 u Dok.DC 2')**

   Ghaldaqstant, is-smiegh tal-procedimenti gudizzjarji odjerni ma jistax jissokta qabel ma' din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti id-direttivi opportuni sabiex jigu salvagwardjati l-interessi taghha, *inter alia*, *ai termini tal-Artikolu 783* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. ILLI, fl-ewwel lok, jigi rrilevat li l-azzjoni tal-atturi, senjatament ghal dak li jirrigwarda t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) talba kontenuti fir-Rikors Guramentat tal-atturi, hija intempestiva, irritwali u improponibbli, u dan stante li ghandhom ma ddekorrewx il-hames (5) snin mill-mewt tat-Testatrici Antonia Cauchi, ossia id-dekorrenza tal-perjodu stipulat fit-'Tielet Artikolu' tat-Testment Pubbliku maghmul minnha nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (28.06.2013) **('Dok. DC 3')**, liema zmien gie indikat u identifikat mid-*decuius* bhala l-perjodu *entro* liema, skond il-volonta' espressa taghha, l-esponenti ghandhom jbieghu l-propjeta' hemm indikata, *ossia* d-dar bin-numru wiehed u ghoxrin (21) gewwa Lanzon Street, Tarxien, sabiex ihallsu "il-legittima spettanti minn sehemha", kif ukoll dik relattiva ghall-wirt ta' missierhom Emanuel Cauchi, mir-rikavat tal-istess bejgh.

3. ILLI, b'zieda u minghajr pregudizzju ghall-kontenut tat-tieni (2) eccezzjoni surreferita, jigi rrilevat li t-talba tal-atturi ghall-hlas tal-"interessi fuq l-istess porzjoni rizervata mid-19 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv" hija improponibbli *stante* li l-bejgh tal-propjeta' immobbi surreferit ghadu ma giex effetwat mill-esponenti *ai termini* tad-drittijiet taghhom taht 'It-Tielet Artikolu' tat-Testment surreferit. Ghaldaqstant, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti kellha tasal sabiex tikkunsidra l-likwidazzjoni ta' xi forma ta' imghax f'dan ir-rigward, hi ghandha, *se mai* tezercita d-diskrezzjoni taghha *ai termini tal- proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rrilevat li l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba kontenuti fir-Rikors Guramentat tal-atturi relattivi ghall-assi ta' Emanuel Cauchi, huma intempestivi, rritwali u improponibbli *stante* li huwa inkoncepibbli li ssir talba ghad-determinazzjoni tal-konsistenza tal-assi tal-eredita' tal-imsemmi *decuius*, kif regolata b'Testment Unica Charta **('Dok. DC3')** qabel ma jigi rispettat l-obbligu relattiv ghal-*legato di cosa altrui ai termini* tat-Testment supervenjenti tad-decuius Antonia Cauchi **('Dok.DC4').**

5. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rrilevat li t-tieni (2) talba tal-atturi hija guridikament improponibbli u insostenibbli ghar-rigward tal-propjeta' immobbli bin-numru wiehed u ghoxrin (21) gewwa Lanzon Street, Tarxien, u dan *stante* li tali propjeta' giet assoggettata ghall-obbligi relattivi ghal-legato di cosa altrui permezz tat-tieni (2) u t-tielet (3) Artikolu tat-Testment Pubbliku supervenjenti ta' Antonia

Cauchi maghmul minnha nhar it-28 ta' Gunju, 2013 **(Dok. DC4').**

6. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rrilevat li, a kuntrarju ta' dak iddikjarat mill-atturi fit-tielet (3) paragrafu tar-Rikors Guramentat taghhom, huma qatt ma gew indikati bhala werrieta ta' ommhom Antonio Cauchi *ai termini* tat-Testment taghha datat 28 ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax **('Dok. DC4'),** u ghaldaqstant, tali 'rinunzja' m'ghandha jkollha l-ebda effett fuq l-interpretazzjoni tal-kuncetti formanti l-mertu ta' dawn il- procedimenti gudizzjarji stante li huma qatt ma setghu legalment jirregistraw xi forma ta' 'rinunzja' f'dan ir-rigward.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.'.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri ta' Disma Cauchi et li taqra kif isegwi:

'ILLI t-talba ulterjuri tal-atturi, kif indikata fir-rikors taghhom ipprezentat nhar l-ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (20.03.2019), hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-proceduri gudizzjarji odjerni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Graziella Tanti (ID 96886M) u l-PL Marie Claire Bartolo (ID 389172M) li taqra kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti kuraturi deputati ghadhom qed jipprovaw jikkomunikaw mal-assenti stante li huma sprovvisti mill-indirizzi taghhom;

2. Illi ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti *de quo* u qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez.'.

Rat ir-rikors tal-intimati Disma Cauchi et intavolat nhar il-21 ta' Gunju, 2019 (fol. 122) fejn talbu li l-kuraturi deputati jigu estromessi milli jirrapprezentaw l-interessi tal-intimati Nicholas Cauchi, Karina Georgievsji u Jamie Faure fil-proceduri odjerni u li tawtorizza li l-imsemmi Disma Cauchi jassumi l-atti tal-procedimenti gudizzjarji odjerni f'isem u fl-interess tal-intimati surreferiti u rat li fil-verbal tad-9 ta' Lulju, 2019 il-Qorti kif diversament preseduta tat digriet fis-sens li laqghet it-talbiet kif dedotti u ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil assenti Nicholas Cauchi, Karina Stojan Georgievski u Jamie Faure illum Cauchi u tikkoregi l-okkju sabiex flok il-kuraturi jigi sostitwit l-isem ta' Disma Cauchi;

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, testmenti, kuntratt ta' rinunzja ta' wirt, ittra ufficjali, dikjarazzjoni *causa mortis*, dikjarazzjoni medika relattiva ghall-kundizzjoni medika tal-intimata Stephanie Cauchi, stimi *ex-parte*, lista tal-oggetti li jinsabu fid-dar, statements bankarji, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Settembru, 2021 Dr Peter Borg Costanzi talab il-hatra ta' perit tekniku sabiex jaghmel l-istima tal-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Tarxien bil-valur ta' 2018 u l-valur tal-

lum, rat li Dr Jesmond Manicaro rrimetta ruhu u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Valerio Schembri a spejjez provvizorjament tar-rikorrenti;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri pprezentat fl-atti nhar is-16 ta' Novembru, 2021 u mahluf nhar it-18 ta' Jannar, 2022 a fol. 287 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' April , 2023 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti:**

Illi l-fatti tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Il-kawza odjerna hija in parte wahda ta' divizjoni fir-rigward l-beni mobbli u mmobbli tal-mejjet Emanuel Cauchi u in parte wahda ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservata fuq il-beni tal-mejta Antonia Cauchi.

   Illi r-rikorrenti Gaetano Cauchi et u l-intimati Disma Cauchi et huma l-ulied/neputijiet ta' Emanuel Cauchi u Antonia Cauchi li gew nieqsa fit-8 ta' Frar, 1999 u fl-14 ta' Lulju, 2018 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 9 u a fol. 20 tal-process).

2. Illi Emanuel Cauchi rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment *unica charta* ma' martu datat 30 ta' Mejju, 1989 fl-atti tan-Nutar George Cassar (ara ricerki testamentarji sigrieti u pubblici u testment a fol. 10 et seq tal-process). Fl-imsemmi testment huwa ghamel is-segwenti disposizzjonijiet:

(i) Halla l-uzufrutt generali tal-gid tieghu kollu prezenti u futuri, mobili u mmobili lil martu Antonia Cauchi;

(ii) Ezenta lil uliedu kollha mill-obbligu li jregghu lura dak kollu li qatt setghu ircivew fil-massa ereditarja taghhom;

(iii) Innomina u istitwixxa bhala unici werrieta universali u padruni assoluti tal-gid tieghu kollu prezenti u futuri, mobbli u mmobbli lit-tmien (8) ulied li jisimhom Gaetano, Carmelo sive Charles, Joseph, Michael, Disma, Anthony, Mary Rose mart Alfred Dimech u Julie mart Edward Mercieca f'ishma indaqs bejniethom u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi wliedhom.

3. Illi Antonia Cauchi rregolat il-wirt u successjoni taghha b'testment tat-28 ta' Gunju, 2013 fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona (ara ricerki testamentarji sigrieti u pubblici u testment a fol. 20A et seq tal-process). F'dan l-ahhar testment taghha hija ddisponiet illi:

(i) Hassret kull testment li ghamlet qabel dak it-testment u ordnat li dak it-testment biss kellu jirregola d-disposizzjonijiet ta' gidha ghal wara mewtha;

(ii) Halliet b'*legato di cosa altrui* l-porzjoni ta' hamsa minn sittax (5/16) il-parti indiviza mid-dar numru 21 fi Triq Lanzon, Tarxien lit-tlett (3) uliedha Disma, Michael u Julie Mercieca. Filwaqt li n-nofs indiviz (1/2) proprjeta' taghha mill-istess fond hallietu fi tlett (3) kwoti ndaqs lil uliedha Disma, Michael u Julie Mercieca;

(iii) Ordnat li dawn it-tlett (3) legatarji ghandhom ibieghu din id-dar fi zmien hames (5) snin minn mewtha u mir-rikavat tithallas il-porzjoni riservata dovuta lil uliedha r-rikorrenti Gaetano, Anthony, Carmelo sive Charles u Mary Rose Dimech flimkien ma huhom Joseph illum mejjet;

(iv) Innominat bhala eredi universali taghha lil uliedha l-intimati Disma, Michael u Julie; u

(v) Finalment iddisponiet illi uliedha Gaetano, Joseph, Carmelo sive Charles, Anthony u Mary Rose ghandhom jiehdu s-sehem riservat.

4. Illi permezz ta' kuntratt ta' dikjarazzjoni *causa mortis* u immissjoni fil-pussess datat 12 ta' Jannar, 2019 fl-atti tan-Nutar Alexia Sceberras Trigona (a fol. 321 et seq tal-process) fl-ewwel parti l-intimati ddikjaraw il-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Hal-Tarxien u fit-tieni parti l-partijiet fuq dak il-kuntratt immettew fil-pussess il-kwota ta' tmienja minn sittax (8/16) il-parti indiviza, kif ukoll hamsa minn sittax (5/16) il-parti ndiviza tad-dar numru 21 fi Triq Lanzon, Hal-Tarxien, kif ukoll

il-beni mobbli kollha tal-imsemmija Antonia Cauchi. Gie ddikjarat kif isegwi:

> ‘Permezz tat-tieni parti ta’ dan l-att, il-komparenti kollha bhala Eredi qed jimmettu fil-pussess kemm ta’ tmienja minn sittax (8/16) il-parti indiviza kif ukoll ta’ hamsa minn sittax (5/16) il-parti indiviza tad-dar numru wiehed u ghoxrin (21), Triq Lanzon, Hal-Tarxien, kif ukoll fil-beni mobbli kollha tal-imsemmija *decuius*, lil xulxin kollha bhala Legatarji hekk kif ordnat id-decujus fic-citat testament taghha liema Legatarji huma hawn kollha qed jaccettaw, fil-kwoti ta’ terz (1/3) indiviz kull wiehed u wahda minnhom liz-zewg (2) uliedha Disma Cauchi u Julie Mercieca, t-tnejn komparenti fuq dan l-att, u it-terz (1/3) l-iehor fi kwoti indaqs bejniethom lit-tlett (3) ulied binha il-premort Michael Cauchi u cioe’ Ramon Cauchi, Sharon Mizzi u Stephanie Cauchi u dan b’kull effett skont il-ligi f’Malta u ghaldaqstant il-komparenti kollha fil-kwoti imsemmija flimkien mall-kwoti ta’ tlieta minn sittax (3/16) il-parti indiviza tal-istess propjeta u beni li wirtu minn ghand missierhom kif fuq digja spjegat huma issa sidien assoluti tad-dar numru wiehed u ghoxrin (21), Triq Lanzon, Hal-Tarxien, kif ukoll fil-beni mobbli kollha tal-imsemmija *decuius*.’.

5. Illi r-rikorrenti pprocedew billi rrinunzjaw ghal wirt u successjoni ta’ ommhom Antonia Cauchi b’kuntratt tal-11 ta’ Frar, 2019 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar (a fol. 12 et seq tal-process) u ghaddew sabiex baghtu ittra ufficjali datata 19 ta’ Novembru, 2018 fejn talbu lill-intimati sabiex jipprocedu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni riservata lilhom spettanti

skont il-ligi mill-wirt ta' ommhom Antonia Cauchi (ara ittra ufficjali a fol. 25 tal-process).

6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu lill-Qorti tistabilixxi l-konsistenza tal-assi tal-eredita ta' Emanuel Cauchi. Talbu wkoll sabiex fir-rigward l-assi ta' missierhom Emanuel Cauchi tordna li f'dak li jirrigwarda mobbli, dawn ghandhom jigu divizi fi tmien (8) porzjonijiet u kull porzjoni tigi assenjata lil kull wiehed u wahda minnhom, mentri dak li jirrigwardja l-immobbli, kull parti jkollha sehem ta' wiehed minn tmienja (1/8) indiviz minn tali proprjeta' taht dawk id-disposizzjonijiet u modalitajiet li l-Qorti jidhrilha xieraq sabiex tinghata rimedju effettiv biex kull wiehed minnhom jircievi sehmu mill-wirt tieghu. Ir-rikorrenti talbu wkoll sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Antonia Cauchi kif ukoll dawn l-assi kollha li skont il-ligi jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi kkalkolata l-porzjoni riservata spettanti lilhom, komprizi wkoll il-beni kollha, mobbli u mmobbli li gew moghtija b'mod dirett jew b'mod indirett mill-istess Antonia Cauchi lill-intimati. Ir-rikorrenti talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-valur tal-istess assi u tiffissa l-porzjoni riservata dovuta lilhom skont il-ligi mill-gid ta' Antonia Cauchi u tikkundanna lill-intimati Disma Cauchi, Julie Mercieca u wlied Michael Cauchi – Ramon Cauchi, Sharon Mizzi u Stephanie Cauchi sabiex solidarjament ihallsu lir-rikorrenti l-porzjoni rizervata hekk stabbilita' flimkien mal-interessi fuq l-istess porzjoni riservata mid-data tad-19 ta' Novembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv. Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi dikjarat u deciz li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Alexia Sceberras Trigona datat 12 ta' Jannar, 2019 ma jiswiex u mhuwiex vinkolanti fil-konfront taghhom f'dak li jirrigwarda s-sehem ta' wiehed minn sittax (1/16) indiviz appartenenti

lilhom u f'dan is-sens tiddikjara wkoll li m'hijiex korretta d-dikjarazzjoni hemm imsemmija li l-legatarji hemm imsemmija fil-kuntratt huma s-sidien assoluti tal-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Tarxien. Finalment talbu li fl-eventwalita' li jkun necessarju, tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun, tiffissa l-gurnata, l-hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att u tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimati:</u>**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi l-intimata Stephanie Cauchi m'hijiex kapaci li tirrispondi ghall-pretensjonijiet vantati fil-konfront taghha fil-procedimenti gudizzjarji odjerni, u dan in vista tal-fatt li, kif jafu tajjeb r-rikorrenti hija tbati minn kundizzjoni medika li tipprekludi milli tiehu hsieb hwejjigha, kif ukoll milli tezercita u milli tamministra l-jeddijiet relattivi ghall-istess procedimenti, u dan a tenur tal-Artikolu 781(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat illi tressqu proceduri quddiem il-Guardianship Board u fejn il-bord appunta lil Ramon Cauchi bil-karta tal-identita' numru 0029179M bhala 'guardian' sabiex jassisti u jirrapprezenta lil Stephanie Cauchi fl-atti kollha tal-hajja civili (ara digriet a fol. 128 tal-process). Rat ukoll illi fil-verbal tad-9 ta' Lulju, 2019 il-Qorti ddekretat li invista ta' tali nomina ordnat il-korrezzjoni fl-okkju sabiex wara l-kliem 'Michael Cauchi' jidhlu l-kliem 'l-istess Stephanie Cauchi kif rapprezentata minn Ramon Cauchi b'digriet tal-Guardianship Board tas-17 ta' Mejju 2019, hekk kif ordnat b'digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Lulju, 2019.'.

In vista ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala sorvolata.

**<u>Divizjoni tal-eredita' ta' Emanuel Cauchi:</u>**

**<u>Ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimati:</u>**

Illi b'referenza ghad-divizjoni tal-eredita' ta' Emanuel Cauchi, l-intimati fir-raba' eccezzjoni taghhom eccepew li l-ewwel u t-tieni talba kontenuti fir-rikors guramentat tar-rikorrenti relattiv ghall-assi ta' Emanuel Cauchi, huma intempestivi, rritwali u improponibbli stante li huwa inkoncepibbli li ssir talba ghad-determinazzjoni tal-konsistenza tal-assi tal-eredita' tal-imsemmi decujus Emanuel Cauchi, kif regolata b'testment *unica charta* qabel ma jigi rispettat l-obbligu relattiv ghal-*legato di cosa altrui* ai termini tat-testment supervenjenti tad-decujus Antonia Cauchi. Fil-hames eccezzjoni eccepew illi minghajr pregudizzju jigi rilevat li t-tieni talba tar-rikorrenti hija guridikament improponibbli u insostenibbli ghar-rigward tal-proprjeta' immobbli bin-numru wiehed u ghoxrin (21) fi Triq Lanzon, Hal-Tarxien u dan stante li tali proprjeta' giet assoggettata ghall-obbligi relattivi ghal-*legato di cosa altrui* permezz tat-tieni (2) u t-tielet (3) Artikolu tat-testment pubbliku supervenjenti ta' Antonia Cauchi maghmul minnha nhar it-28 ta' Gunju, 2013.

Illi r-rikorrenti permezz ta' kuntratt tal-11 ta' Frar, 2019 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar a fol. 26 et seq tal-process irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom derivanti mit-testment tat-28 ta' Gunju, 2013 fl-atti tan-Nutar Alexander Joseph Sceberras Trigona u zammew fermi d-drittijiet taghhom ghal porzjoni riservata lilhom naxxenti mil-ligi.

Illi l-Qorti ma tarax li ghandha  tawwal wisq fuq din il-kwistjoni. Kif jidher car mill-kuntratt ta' rinunzja, r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-eredita' ta' ommhom Antonia Cauchi u zammew fermi u sodi d-drittijiet taghhom ghal porzjoni riservata. La darba huma rrinunzjaw ma jistax jinghad li l-effetti tat-testment ta' ommhom Antonia Cauchi tat-28 ta' Gunju, 2013 huwa vinkolanti fil-konfront taghhom. Dan ifisser ghalhekk li sehem ir-rikorrenti mill-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien derivat ghandhom mill-wirt u successjoni ta' missierhom m'huwiex affettwat bil-*legato di cosa altrui* maghmul mill-omm Antonia Cauchi. Jsegwi ghalhekk li l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet u tiddividi sehem il-missier Emanuel Cauchi kif dispost fit-testment tieghu datat 30 ta' Mejju, 1989 fl-atti tan-Nutar George Cassar (a fol. 16 et seq tal-process) u cioe' li l-ulied kollha jkollhom sehem ta' 1/8 ta' 1/2 u cioe' il-kwota ta' 1/16.

**<u>Assi mmobbli:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li bhala proprjeta' mmobbli in divizjoni l-mejjet Emanuel Cauchi kellu biss in-nofs indiviz (1/2) tal-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien. Ghal finijiet ta' divizjoni bhala valur tal-proprjeta' msemmija ghandu jkun dak l-aktar qrib tad-divizjoni u li fl-atti gie stabbilit mill-Perit Tekniku Valerio Schembri ghas-sena 2021 bhala dak ta' mitejn u hamsa u sebghin elf Ewro (€275,000) (ara rapport a fol. 287 et seq tal-process).

Illi l-kwota tan-nofs indiviz (1/2) ta' dan il-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien ghandha tigi diviza bejn tmienja (8) biex ir-rikorrenti ikollhom il-kwota ta' wiehed minn sittax (1/16) minn nofs indiviz (1/2) kull wiehed.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti ddikjaraw illi huma m'humiex kontra l-idea li s-sehem spettanti lilhom jigi moghti lill-eredi ta' Antonia Cauchi bl-assenjazzjoni u dan kontra ekwiparazzjoni ghal sehem ta' wiehed minn sittax (1/16) kull wiehed tal-valur kif stmat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri. Il-Qorti tqis li l-proposta tar-rikorrenti hija gusta billi f'dik l-eventwalita' l-intimati ikunu jistghu jbieghu l-fond minghajr ma jinkorru fil-possibilita' li l-fond jinbiegh bil-licitazzjoni bil-prezz ta' 60% tal-valur stabbilit mill-Perit Tekniku Valerio Schembri. Mill-banda l-ohra l-Qorti tifhem li l-fatt li l-intimati jridu jhallsu l-valur ta' sehem ir-rikorrenti mill-fond imsemmi, kif ukoll il-porzjoni riservat, jista jkun ta' piz fuqhom billi m'ghandhomx il-flus kollha a disposizzjoni taghhom. Ghalhekk fic-cirkostanzi u stante li l-Qorti m'hijiex edotta mill-posizzjoni tal-intimati stante li lanqas ipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, ser tghaddi sabiex tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien bil-valur stabbilit mill-Perit Valerio Schembri ta' mitejn u hamsa u sebghin elf Ewro (€275,000) ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta **liema procedura ghandha ssir effettiva sitt xhur mid-data li din id-decizjoni ssir gudikat u biss f'kaz li l-intimati ma jkunux fil-frattemp hallsu sehem ir-rikorrenti fis-somma ta' 1/16 tal-valur ta' mitejn u hamsa u sebghin elf Ewro (€275,000) kull wiehed, valur kif dikjarat mill-Perit Tekniku nominat**. Illi fl-eventwalita' li l-fond jinbiegh bil-licitazzjoni l-valur li ghandhom jiehdu r-rikorrenti ghandu jkun dak li jirrizulta mill-bejgh bil-licitazzjoni skont is-sehem dikjarat dovut lilhom.

Il-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi, u fl-eventwalita' li jitmexxew il-proceduri ghal bejgh bil-licitazzjoni, fl-ahjar interess tal-partijiet kollha, fil-bejgh bil-licitazzjoni ghandhom jigu awtorizzati l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali

partecipazzjoni hija mposta mil-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

**<u>Assi mobbli:</u>**

<u>Flus il-bank:</u>

Illi fil-mori tal-kawza xehdu diversi rapprezentanti ta' banek minn fejn irrizulta li l-mejjet Emanuel Cauchi ma kellux flus ddepositati fil-banek. Pero' rrizulta kont mal-HSBC Bank Malta plc f'isem martu Antonia Cauchi (ara statement tal-kont bankarju a fol. 160 tal-process). Billi mhuwiex ikkontestat li bejn il-partijiet kienet tezisti l-komunjoni tal-akwisti dan ifisser li l-mejjet Emanuel Cauchi kellu nofs dan l-ammont fil-kont bankarju bin-numru l-antik 124044413 u l-ammont li jirrizulta li kien hemm fid-data tal-mewt tieghu kien dak fis-somma ta' elfejn hames mija sebgha u sittin u tnejn u erbghin centezmu tal-munita l-antika (Lm 2,567.42) ekwivalenti ghas-somma ta' hames 'telef disgha mija u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€5,980.48). Sehem Emanuel Cauchi huwa dak ta' nofs l-ammont u cioe' elfejn disgha mija u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,990.24).

Ghalhekk ir-rikorrenti Gaetano Cauchi et huma ntitolati li jigbru l-kwota ta' 1/8 mill-ammont ta' elfejn disgha mija u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,990.24) cioe' is-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€373.78) kull wiehed u wahda minhom.

<u>Ghamara li tinsab fil-fond 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien:</u>

Illi r-rikorrenti pprezentaw nota li maghha giet annessa lista ta' affarijiet li jinsabu fid-dar bin-numru wiehed u ghoxrin (21) fi Triq Lanzon, Hal Tarxien (ara lista a fol. 147 tal-process).

Mill-lista m'hemmx valur tal-oggetti u fil-mori tal-kawza lanqas ma gie nominat persuna kompetenti sabiex taghti valur lill-oggetti mobbli misjuba fid-dar imsemmija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jindikaw ghal finijiet ta' porzjoni riservata li l-valur ghandu jittiehed bhala dak ta' elfejn Ewro (€2,000) u ghalhekk in-nofs indiviz (1/2) sehem Emanuel Cauchi ghandu jkun dak ta' elf Ewro (€1,000).

Illi l-Qorti fliet il-lista tal-oggetti indikati minn fejn tinnota li effettivament ma jidhirx li hemm oggetti jew antikitajiet li jiswew ammonti kbar ta' flus. Temmen ukoll li fil-kaz li tahtar irkantatur sabiex jaghti valur lill-mobbli u jiddividihom il-probabilita' tkun li l-valur tal-oggetti tant ikun minimu li ma tkunx tista ssir divizjoni tan-nofs fi tmien porzjonijiet b'dan li lanqas ma jkun jaqbel ghal partijiet li jsir bejgh bl-irkant taghhom. Dan ghaliex l-ispejjez ikunu jezorbitaw il-valur tal-mobbli. Ghalhekk fic-cirkostanzi sejra tiffissa *arbitrio boni viri* l-valur tal-oggetti mobbli misjuba fid-dar indikata fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) bhala sehem il-mejjet Emanuel Cauchi. Dan ifisser li l-intimati ghandhom ihallsu l-kwota ta' 1/16 ta' elf Ewro (€1,000) lil kull wiehd u wahda mir-rikorrenti u l-oggetti mobbli ghandhom jinzammu mill-intimati liema cifra li r-rikorrenti ghandhom jircievu hija dik ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125) kull wiehed u wahda minnhom.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Antonia Cauchi u hlas tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti:</u>**

Illi kif inghad aktar il-fuq Antonia Cauchi giet nieqsa fl-14 ta' Lulju, 2018 ghaldaqstant japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

'615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus Alfredo Axisa l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni. ...

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

---

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

**Assi ereditarji tal-mejta Antonia Cauchi:**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Antonia Cauchi mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

Immobbli:

Illi mill-atti jirrizulta li bhala proprjeta' mmobbli l-mejta Antonia Cauchi kellha biss in-nofs indiviz (1/2) tal-fond bin-numru 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien – dan is-sehem gie stmat fis-sena 2018 (data tal-mewt ta' Antonia Cauchi) ghas-somma ta' mija u ghoxrin elf Ewro (€120,000).

Flus il-bank:

1. Nofs indiviz (1/2) ta' savings account mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 124044413 illum bin-numru 012024378050 (fol. 159 et seq tal-process) – hames 'telef mitejn hamsa u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€5,275.26).

Ghamara li tinsab fil-fond 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien:

Kif inghad precedentement m'hemmx valur tal-ghamara li tinsab fil-fond 21 fi Triq Lanzon, Hal Tarxien u ghalhekk il-Qorti sejra tiffissa *arbitrio boni viri* l-valur taghha ghal dak ta' elfejn Ewro (€2,000) bis-sehem ta' Antonia Cauchi ta' nofs indiviz (1/2) ikun dak ta' elf Ewro (€1,000).

Donazzjonijiet/rigali jew spejjez/dejn:

Fl-atti ma ngabitx prova li kien hemm xi donazzjoni/rigali jew spejjez u dejn.

**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-legittima:</u>**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €120,000+ |
| Flus il-bank - | €5,275.26 |
| Ghamara - | €1,000 |
| **Total -** | **€126,275.26 (sehem Antonia Cauchi)** |

**<u>Sehem ir-rikorrenti huwa dak ta' 1/16 (1/8 x 1/2) x €126,275.26 = sebgha 'telef tmien mija tnejn u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€7,892.20) kull wiehed u wahda minnhom.</u>**

**<u>Imghax:</u>**

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Hekk jaqra s-sub-artikolu 2 illi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'.

Illi fit-tielet eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi t-talba tar-rikorrenti ghall-hlas tal-interessi fuq l-istess porzjoni riservata mid-19 ta' Novembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv hija mproponibbli stante li l-bejgh tal-proprjeta' immobbli surreferit ghadu ma giex effetwat minnhom ai termini tad-drittijiet taghhom taht 'It-tielet Artikolu' tat-testment ta' Antonia Cauchi tat-28 ta' Gunju, 2013 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona (fol. 22). Isostnu li ghaldaqstant *dato ma non concesso* li din il-Qorti kellha tasal sabiex tikkunsidra l-likwidazzjoni ta' xi forma ta' imghax f'dan ir-rigward, hi ghandha se mai tezercita d-diskrezzjoni taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 615(2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-tielet artikolu tal-imsemmi testment ta' Antonia Cauchi jiddisponi illi:

' IT-TIELET ARTIKOLU

It-testatrici qed thalli b'titolu ta' legat in pjena propjeta is-sehem taghha ta' nofs [1/2] indiviz tad-dar numru wiehed u ghoxrin [21] Lanzon Street fi tlett kwoti indaqs bejn it-tlett uliedha Disma, Michael u Julie, u dan kollu bid-dritt ta' sostituzzjoni volgari favur ulied il-legatarji f'kaz ta' premorjenza ghat-testatrici, b'dan li il-legatarji ghandhom jbieghu din id-dar fi zmien hames snin minn mewtha u mill-prezz ircevut jhallsu il-legittima spettanti minn sehemha lil uliedha l-ohra jigifieri lil Gaetano, Joseph, Carmelo ossija Charles, Anthony u Mary Rose.

Inoltre, it-testatrici qed theggeg lil legatarja biex mill-prezz ircevut mill-bejgh tad-dar, kif hawn fuq imsemmi, ihallsu il-legittima spettanti lil Gaetano, Joseph, Carmelo sive Charles, Anthony u Mary Rose mill-wirt tal-mejjet missierhom Emanuel Cauchi.'.

Illi l-Qorti tinnota li r-rikorrenti pprezentaw ittra ufficjali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru, 2018 (fol. 25) fejn fost affarijiet ohra interpellaw lill-intimati sabiex ihallsu l-porzjoni riservata bl-interessi ta' 8% mid-data tal-mewt sad-data tal-hlas effettiv a tenur tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser li l-ittra ufficjali giet intavolata fiz-zmien sentejn mill-mewt ta' Antonia Cauchi u ghalhekk legalment l-interessi bdew jiddekorri mid-data tal-mewt taghha cioe' mill-14 ta' Lulju, 2018.

Illi bhal ma gja nghad l-intimati jargumentaw li l-hames snin stipulat fit-tielet artikolu tat-testment ta' Antonia Cauchi msemmi kien ghadu ma ddekorriex. Il-Qorti tqis li rrispettivament minn jekk il-perijodu ta' hames (5) snin kinux jew le lahqu ddekorrew l-imghax kellu jibda jiddekorri minn dakinhar tal-apertura tas-successjoni u cioe' mill-14 ta' Lulju, 2018 gjaladarba l-ittra ufficjali ntbghatet fit-terminu ta' sentejn. Madanakollu l-Qorti tinnota li r-rikorrenti fit-talba taghhom talbu li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-19 ta' Novembru, 2018 u ghalhekk il-Qorti ser timxi ma dak mitlub mir-rikorrenti. Mill-banda l-ohra l-Qorti ser tuzufruwixxi mill-fakulta' lilhom moghti u ser tiddiminuwixxi l-ammont tal-interessi ghal dak ta' 5% billi t-testatrici kienet tat perijodu ta' hames (5) snin biex jinbiegh il-fond.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi tal-eredita' ta' Emanuel Cauchi hekk kif indikat fis-sezzjonijiet '**<u>Assi mmobbli:</u>**' u '**<u>Assi mobbli:</u>**';

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba u fir-rigward tal-assi ta' Emanuel Cauchi, tordna li dawn ghandhom jigu divizi bil-mod kif indikat fis-sezzjoni '**<u>Divizjoni tal-eredita' ta' Emanuel Cauchi:'</u>** partikolarment fis-sezzjonijiet '**<u>Assi mmobbli:</u>**' u '**<u>Assi mobbli:</u>**' u fejn ma jistghux jigu divizi ghandu jsir kif indikat fl-istess sezzjonijiet indikati;

3. Tilqa' t-tielet talba u tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji kollha ta' Antonia Cauchi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-porzjoni riservata spettanti lir-rikorrenti f'dawk l-assi indikati fis-sezzjoni '**<u>Assi ereditarji tal-mejta Antonia Cauchi:'</u>**;

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-valur tal-istess assi stabbiliti skont it-tielet talba u tiffissa l-porzjoni riservata lir-rikorrenti skont il-ligi mill-gid ta' Antonia Cauchi fl-ammont ta' sebgha 'telef tmien mija tnejn u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€7,892.20) dovuti lil kull wiehed u wahda minnhom;

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimati Disma Cauchi, Julie Mercieca, Ramon Cauchi, Sharon Mizzi u Stephanie Cauchi kif debitament rapprezentata jhallsu lir-rikorrenti l-porzjoni riservata hekk likwidata flimkien mal-

interessi fuq l-istess porzjoni riservata mid-data tad-19 ta' Novembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv liema imghax ghandu jigi kkalkulat bil-5% u dan hekk kif indikat fis-sezzjoni **<u>'Imghax:'</u>**;

6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Alexia Sceberras Trigona tat-12 ta' Jannar 2019 fuq imsemmi ma jiswiex u mhux vinkolanti fil-konfront tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda s-sehem ta' 1/16 indiviz appartenenti lil kull wiehed mir-rikorrenti u f'dan s-sens tiddikjara wkoll illi m'hijiex korretta d-dikjarazzjoni hemm imsemmija li l-legatarji hemm imsemmija fl-imsemmi kuntratt huma s-sidien assoluti tal-fond 21, Triq Lanzon, Tarxien stante li minn dak li jirrizulta kif suespost it-testment ta' Antonia Cauchi m'huwiex vinkolanti fir-rigward tar-rikorrenti;

7. Tichad is-seba' talba billi fic-cirkostanzi m'hemmx bzonn il-hatra ta' Nutar Pubbliku u kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez ghandhom ikunu fir-rigward il-parti tad-divizjoni ta' Emanuel Cauchi kulhadd ihallas skont sehmu u fir-rigward il-likwidazzjoni tas-sehem riservat interament a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April, 2024**